# Q O R T I Ċ I V I L I

## (Sezzjoni tal-Familja)

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**Illum 31 ta' Ottubru 2018**

Rikors Nru. 194/2017 RGM

Kawza fil-lista: 7

**A B**

**Vs**

**C D**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur li permezz tieghu ppermetta u talab is-segwenti:-

Illi r-rikorrent A B izzewweg lil konvenuta C D fit-30 ta' Gunju 1998, permezz tar-Registru Pubbliku, certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok JB 1;

Illi minn dan iz-zwieg twieldu tliet ulied u cioe`: B ta' 18-il sena, certifikat tat-twelid anness u mmarkat bhala Dok 'JB' 2, B ta' 16-il sena, certifikat tat-twelid anness u mmarkat bhala Dok 'JB' 3 u, B ta' 13-il sena, certifikat tat-twelid anness u mmarkat bhala Dok 'JB' 4;

Illi l-intimata mart ir-rikorrenti, bla ebda raguni abbandunat id-dar matrimonjali u l-istess zewgha rikorrenti kif ukoll uliedha msemmija fl-Lulju 2015, cioe izjed minn sentejn ilu u qatt ma ghamlet kuntatt iktar mal-istess imsemmija zewgha u uliedha;

Illi rikorrent ta bidu ghal medjazzjoni mhux darba sabiex isir tentattiv ghal eventwali rikonciljazzjoni jew separazzjoni bonarjament, IZDA, l-intimata martu qatt ma attendiet lanqas ghal dawn is-seduti;

Illi b'hekk ir-rikorrenti gie awtorizzat jipprocedi ghal tali proceduri permezz ta' digriet datat 12 ta' Lulju 2017 tal-Qorti tal-Familja, liema digriet qed ikun anness kopja legali u mmarkat bhala Dok, 'JB' 5;

Illi in segwitu tad-data taz-Zwieg, ir-rikorrent akkwista permezz ta' kuntratt akkwist id-dar fond bin-numru, 51, Bieb Bormla, Cospicua, liema fond huwa valutat valur ta' hamsa u erbghin elf ewro, (45, 000 euro), certifikat ta' stima anness u mmarkat bhala Dok 'JB' 6 mahrug mill-Perit Anthony Galea A&CE;

Illi, l-intimata mart ir-rikorrent, minkejja diversi tentattivi sabiex isir kuntatt kemm mill-istess zewgha kif ukoll uliedha msemmija, qatt ma tat manteniment minkejja illi effettivament, di fatto, il-kura u kustodja u l-ispejjez inkluzi kollha sabiex it-tliet ulied jghixu, dejjem izjed min sentejn trapassati kienu ad skapitu tar-rikorrent wahdu, bhallikieku, l-omm intimate ma kellha qatt x'taqsam mal-istess uliedha msemmija;

Illi l-istess intimata, marret tabita f'residenza ta' habib terz iehor u b'hekk wettqet adulterju inflagrante u manifest bla ebda kaz tal-obbligi matrimonjali lejn zewgha u uliedha, u dan kif ser jigi ppruvat iktar 'il quddiem fl-istess kawza;

Illi l-intimata lanqas access ma ppruvat taghmel sabiex tara lil istess uliedha fiz-zmien imsemmi minn meta abbandunat lil istess zewgha, uliedha u d-dar matrimonjali;

Ghaldaqstant, ir-rikorrent qieghed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn i-konjugi B u dan ghar-ragunijiet imputabbli lil C D;

2. Tafda l-kura u kustodja tat-tliet ulied minuri f'idejn ir-rikorrent missierhom;

3. Tiffissa retta alimentarja xierqa ghat-tliet minuri;

4. Tawtorizza lir-rikorrent u lit-tliet minuri *ad eskluzjoni* tal-intimata li jibqghu jghixu fid-dar matrimonjali;

5. Tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet occorendo bl-opera ta' periti nominandi;

6. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimata iddekadiet minn sehemha fil-komunijoni tal-akkwisti u konsegwentement tapplika l-effetti tal-Artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili kontra l-istess intimate u favur ir-rikorrenti;

7. Tassenja l-assi kollha formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti lir-rikorrent u cioe` sehem l-intimata mid-dar matrimonjali;

8. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-att relattiv u Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw leventwali kontumaci.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta nonostante li giet notifikata personalment bl-att promotur u l-avviz tas-smiegh fit-18 ta' Settembru 2017, ma pprezentatx risposta guramentata u ghalhekk hi kontumaci.

Rat l-affidavit tal-attur.[1]

Rat l-affidavits ta' Christine B u ta' Priscilla Farrugia.[2] u t-testimonjanza ta' Tyron B u Bradon B.

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**PROVI**.

L-attur A B xhed illi l-partijiet kienu iltaqghu madwar ghoxrien sena ilu. Sena wara, u cioe' fit-30 ta' Gunju 1998 izzewgu bic-civil u erba' snin wara bil-Knisja. Kien xtara dar zghira gewwa Bormla bil-prezz ta' disat elef lira Maltin u marru joqghodu fiha. Jghid illi sabiex xtara din id-dar kienet selfitu l-flus nanntu Catherine Briffa u kien ihallasha lura permezz ta' pagamenti mensili. L-attur jiddikjara li l-proprjeta' inxtrat matul iz-zwieg u allura tappartjeni l-komunjoni tal-

[1] Fol. 18
[2] Fol. 33

akkwisti. Xhed illi ghall-ewwel snin iz-zwieg kien mill-ahjar. Jghid illi fil-bidu tas-sena 2015 "...l-mara bla ma qatt ma kont nimmagina telqet 'il barra minn darna minghajr ma ... kelli idejha li kienet ser tasal biex tabbanduna lilna fil-familja kollha." Dan sehh ftit wara li kienet qaltlu illi riedet tfittex xoghol part-time. Xhed illi hija kienet sabet xoghol part-time xi xahrejn qabel abbandunat id-dar. Dan ix-xoghol part-time bdiet taghmlu go bar, social club gewwa Haz-Zabbar. Bdiet tigi d-dar xi s-siegha ta' filghodu wara li tkun hi li taghlaq il-bar. L-attur xhed illi beda jmur ghaliha bil-mixi minn Bormla u beda josserva li kien hemm ragel li beda jiehu l-kunfidenza maghha. Ghalkemm l-attur gibdilha l-attenzjoni dwar dan il-konvenuta injoratu.

Minn hemm 'il quddiem beda jkollhom disgwid bejniethom. Beda jinsisti maghha illi tieqaf minn hemm u ssib xoghol iehor. Izda r-reazzjoni taghha ghal dan kien li qaltlu illi kien ahjar jekk jisseparaw. Ftit jiem wara marret id-dar, hadet hwejjigha u ma regghatx irritornat. Wara sar jaf li marret tikkoabita ma' l-istess ragel li kien sab oggezzjoni dwaru. Xi zmien wara kienet irritornat ghal xi gimghatejn biss u regghat marret u ma rritornatx.

L-attur ghandu full-time job bhala installer ma' kumpanija li tinstalla l-pannelli solari. Jghid li huwa jiehu hsieb wahdu l-bzonnijiet kollha ta' uliedu. Jikkalkula illi fix-xahar jonfoq circa seba' mitt ewro ghall-hajja filwaqt li martu ma tohrog l-ebda kontribut.

Dwar il-komunjoni tal-akkwisti spjega illi l-unika assi komuni hija d-dar matrimonjali. Spjega li depoziti bankarji m'ghandux. Bil-kunsens ta' martu ic-children's allowance ta' binthom jippercepiha hu. Investimenti finanzjarji m'ghandhom xejn.

L-attur ezebixxa rapport preparat mill-Perit Anthony Galea minnu inkarigat fejn iddikjara li fil-fehma tieghu il-fond matrimonjali gewwa Bormla ghandu valur ta' hamsa u erbghin elf ewro (€45,000)

Ix-xhieda l-ohra imressqa mill-attur essenzjalment jikkorroboraw dak li huwa stqarr fit-testimonjanza tieghu.

Ikkonsidrat;

**HTIJA GHAT-TKISSIR TAZ-ZWIEG**.

Mill-provi imressqa mill-attur mhux kontradetti, il-Qorti tqis illi l-attur irnexxielu jipprova sodisfacentement illi l-konvenuta hija responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg fl-ewwel lok minhabba abbandun ai termini tal-artikolu 41 tal-Kap. 16.

L-**Artikolu 41 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk;

'Kull wahda mill-partijiet mizzewga tista' ukoll titlob il-firda jekk, ghal sentejn jew izjed, tkun abbandonata mill-ohra, minn ghajr raguni tajba'.

Fil-kawza fl-ismijiet " **Giuseppa Camilleri pro et noe vs Rocco Camilleri**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Novembru 1964 ntqal:

" L-essenza tal-abbandun tirrisjedi fil-persistenza u kontinwita' ta' wiehed jew wahda mill-konjugi illi jghix apparti mill-konjugi l-ohra jew l-iehor skond il-kaz,minghajr raguni tajba".

Fil-kawza fl-ismijiet “**Jane sive Giovanna Cordina vs Dr. Albert V Grech et noe “** deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta’ Jannar 1965 ntqal:

“ Biex l-abbandun jkun kawzali ta’ separazzjoni hemm bzonn li (1) jkun ta’ perjodu ta’ almenu sentejn u (2) li jkun minghajr gusta kawza”.

Fil-kaz in ezami dawn r-rekwiziti gew ippruvati sodisfacentement in kwantu jirrizulta mill-provi mhux kontestati illi l-konvenuta abbandunat lill-attur u lil ulied il-partijiet ghal aktar minn sentejn u dan minghajr raguni valida.

Il-Qorti ghalhekk qed tiddeciedi illi l-konvenuta hija unikament responsabbli ghat-tkissier taz-zwieg minhabba abbandun ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kap. 16.

Dwar l-allegazzjoni tal-attur li l-konvenuta ikkommettiet adulterju, il-Qorti ezaminat il-provi u fuq bazi ta' probabilta' tikkonkludi illi l-konvenuta ikkommettiet adulterju li wkoll wassal ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet.

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet “ **Rosina Micallef vs Angelo Micallef**” deciza mill-Prim Awla tal-Qorti civili fis-27 ta’ gunju 1964 ntqal: “ L-adulterju jista’ jigi ppruvat permezz ta’ indagni u presunzjonijiet, purche’ dawn jkunu gravi, precizi u konkordanti, b’mod li ma jhallux ebda dubbju f’min ghandu jiggudika.

Huwa sufficjenti li tirrizulta wahda biss mill-kawzali elenkati mill-ligi sabiex jinghata lok ghas-separazzjoni personali.”

Fil-kawza fl-ismijiet “**Josephine Edwards vs Avv Dottor Joseph H Xuereb noe”** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta’ Frar 1961 ntqal: “ Ghall-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn ta’ testimonjanza de visu’ jew il-flagranza, imma bizzejjed il-konkors ta’ cirkostanzi precizi, gravi u univoci, illi jwasslu lill-giudikant ghall-konvinciment tal-fatt”.[3]
L-attur xhed illi huwa skopra li martu marret tikkoabita mal-istess persuna li kien ra b'kunfidenzi maghha fil-bar fejn kienet marret tahdem kontra r-rieda tieghu. Il-prossimita' ta' dak li ra l-attur fir-rigward ta' dik il-persuna mad-data li fiha l-konvenuta abbandunat lill-familja u telqet b'mod permanenti mid-dar matrimonjali

[3] Ara wkoll “**Rita Busuttil pro et noe vs Raymond Busuttil**” – Appell – 15.12.2015, citata mill-Perit Legali (fol. 1049).

taghmel il-versjoni tal-attur verosimili. Ghalhekk il-Qorti qed tikkonkludi illi l-konvenuta hija wkoll responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet minhabba adulterju ai termini tal-**Artikolu 38 tal-Kap.16.**

Il-Qorti qed tiddeciedi d-data tal-1 ta' Lulju 2015 bhala d-data li fiha l-konvenuta ghandha titqies responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg.

**ARTIKOLU 48 TAL-KAPITOLU 16.**

**Artikolu 48 tal-Kap. 16** jipprovdi illi

"(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -

(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall- finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill- partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jerġgħu jmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu (ċ) ta' dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra

jkunu kisbu fuq  dawk l-istess ħwejjeġ qabel ma s-seħntenza tal-firda tkun ġiet imniżżla fir-Reġistru Pubbliku."

Tenut kont illi l-konvenuta qed tinstab responsabbi ghat-tkissir taz-zwieg minhabba adulterju u minhabba abbandun, il-Qorti qed tikkommina kontra taghha l-penalitajiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap. 16 u ghall-finijiet tas-sub inciz (1) (c) tal-

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI** u **MANTENIMENT**.

Dwar il-likwidazzjoni tal-komunjoni tenut kont li l-konvenuta abbandunat il-familja u ma qed tikkontribwixxi xejn ghall-manteniment tal-minuri, l-attur qed jitlob illi sehem il-konvenuta mid-dar matrimonjali jigi lilu assenjat b'kumpens ghall-kontribut li ghamel u qed jaghmel wahdu fit-trobbija tal-ulied.

Ghandu jinghad illi l-agir tal-konvenuta li wassal ghat-tkissir taz-zwieg sehh fl-ahhar ftit snin qabel saret il-firda de facto, ghal habta ta' Lulju 2015.  Sa dak iz-zmien jirrizulta illi l-attur kien jahdem barra d-dar u l-konvenuta tahdem gewwa d-dar matrimonjali bhala mara ta' dar u omm ta' tlett ulied.   Ghalhekk kwalunkwe dhul tal-komunjoni kien gej mill-hidma barra d-dar tal-attur.  Ma jistax jinghad allura kif qed jippretendi l-attur illi matul is-snin taz-zwieg il-mara ma kkontribwixxiet xejn.    L-arrangament ta' bejniethom kien li hu jkollu impieg barra d-dar u hi tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha tad-dar.

Jirrizulta pero' illi mill-mument li l-konvenuta abbandunat id-dar matrimonjali f'Lulju 2015 hija ma tat l-ebda kontribut fit-trobbija tal-minuri Dwayne u Kylie li ghadhom minorrenni u jirrisjedu mal-missier.  Jirrizulta illi l-konvenuta kapaci tahdem u telqet mid-dar wara li kienet sabet impieg.  Minn dak iz-zmien qatt ma talbet manteniment minghand l-attur.

Il-Qorti tqis illi ma hemm l-ebda raguni valida ghaliex il-konvenuta, qua omm iz-zewg minuri imsemmija, ma tikkontribwixxiex ghat-trobbija taghhom.  Il-Qorti qed tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur manteniment ta' tlett mitt ewro

(€300) fix-xahar (mija u hamsin ewro ghal kull wild) bhala manteniment ghaz-zewg minuri u dan b'effett mill-1 ta' Lulju 2015.

Peress illi l-Qorti qed issib lill-konvenuta  responsabbli wahedha ghat-tkissir taz-zwieg, qed tikkundanna lill-konvenuta thallas l-ispejjez tal-kawza.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi u fil-kontumacja tal-konvenuta qed taqta u tiddeciedi din il-kawza bil-mod kif gej:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni pesonali ta' bejn il-partijiet ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenuta.

2. Tilqa' t-tieni talba fir-rigward taz-zewg minuri Dwayne u Kylie.

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-konvenuta thallas lill-attur in linea ta' manteniment ghaz-zewg minuri imsemmija s-somma ta' tlett mitt ewro (€300) fix-xahar b'effett mill-1 ta' Lulju 2015 [mija u hamsin ewro ghal kull wild].

4. Tilqa' parzjalment ir-raba' talba u tordna li l-attur jibqa' jirrisjedi fid-dar matrimonjali sakemm il-minuri li jkunu jirrisjedu mieghu jghalqu tlieta u ghoxrien (23) sena jew zmien tlett snin mill-jum li fih hadd mill-minuri jkun qed jirrisjedi mieghu, skond liema tissucciedi l-ewwel.  Sussegwentement kull parti jkollha dritt illi titlob il-bejgh tad-dar matrimonjali b'dan illi f'tali eventwalita' ir-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

5. Tilqa' l-hames talba fid-dawl tal-paragrafu precedenti.

6. Tichad l-ewwel parti tas-sitt talba u tilqa' t-tieni parti tas-sitt talba, tikkommina kontra l-konvenuta l-penalitajiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Tichad is-seba' u t-tmien talba.

Bl-ispejjez in kwantu ghal kwart mill-attur, u tlett kwarti mill-konvenuta.

**Onor. Robert G. Mangion** **Lydia Ellul**

**Imhallef** **Deputat Registratur**